# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis tlieta (3) ta' Dicembru 2015**

**Rikors Numru 15/13 FDP**

**Adrian Casha**
**(ID 416868M)**

**vs**

**Charle Zerafa**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ippresentat fis 16 ta' Jannar 2013 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamel referenza ghall-kumment illi tqieghed fuq is-'social network' Facebook mill-intimat bejn l-4 u l-5 ta' Jannar 2013, talab illi dina l-Qorti tiddikjara tali kumment bhala illiw iehed li jikkontjeni allegazzjonijiet foloz u malafamanti illi ghandhom, bhala skop, li jnaqqsu jew itellfu r-repuazzjoni tieghu. Ir-rikorrent talab ukoll illi l-Qorti tikkundnana lill-intimat ihallasha danni rizultanti mill-istess kumment malafamanti.

Rat il-kumment illi tella l-intimat fuq is-sit tieghu fuq Facebook, allegatament bejn l-4 u l-5 ta' Jannar 2013, fejn l-intimat qal is-segwenti affarjiet: "*L-obblgazzjoni li kellu l-head of referees Adrian Casha lejn Keven Azzopardi sarret* (sic) *ha ha ha dik hija s-sitwazzjoni tar-referees il-lum prosit.*"

Rat illi taht l-fuq imsemmi kumment, wara illi persuna indikat bhala Anthony Grech Daina qal lill-intimat "*xgara mela charles*", l-istess intimat irrisponda billi qal "*staqsi lil Adrian kif kien qallu minn rapport li kont ghamilt jien fuqqu* (sic)".

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentat fil 15 ta' Frar 2013 fejn sahaq illi l-'posting' riferenzjat fir-rikors promotur ma jistax jitqies libelluz skond il-Ligi.

Semghet ix-xhieda ta' **Adrian Casha** moghtija fit 22 ta' April 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Thomas Anthony Restall**, Segretarju tar-Referees Committee fi hdan il-Malta Football Association, moghtija fit 22 ta' April 2013 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fit 22 ta’ April 2013 ir-rikorrenti iddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippresenta.
Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ Thomas Anthony Restall moghtija fit 12 ta’ Lulju 2013, fl-14 ta’ April 2014 u fid-9 ta’ Gunju 2014, kif ukoll id-dokumentazzjoni ippresentata mill-istess Sur Restall fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2014 fejn xehed izda t-traskrizzjoni ma gietx registrata minhabba f’problema teknika.

Rat l-affidavit ta’ **Charles Zerafa** ippresentat fis 26 ta’ Jannar 2015.

Semghet ix-xhieda ta’ **Patrick Fenech**, li kien ghal hafna snin il-President tal-Malta Football Referee’s Association u membri tal-Bord tar-Referees fi hdan il-Malta Football Association, moghtija fil 5 ta’ Marzu 2015.

Semghet il-kontro ezami ta’ Charles Zerafa illi saret fit 18 ta’ Marzu 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet il-kontro ezami ta’ Adrian Casha illi saret fid 9 ta’ Lulju 2015.

Rat illi fid 9 ta’ Lulju 2015, il-partijet idikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippresentaw.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentata fl-1 ta’ Settembru 2015.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijet ta’ l-intimat ippresentata fid 9 ta’ Novembru 2015.

Rat illi fid 9 ta’ Novembru 2015 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi sabiex tkun tista tikkunsidra l-fatti kollha tal-kaz fil-perspettiva taghhom, huwa necessarju illi jigi kkunsidrat il-passatt illi hemm bejn il-partijiet.

Jirrizulta, di fatti, mill-provi prodotti, illi l-partijiet fil-kawza t-tnejn kienu referees tal-football, u kienu involuti anke fit-tmexxija tar-referees Maltin, fejn it-tnejn kienu involuti fil-Malta Football Referees Association, ghalkemm issa l-intimat ma ghandhux, u r-rikorrent, li huwa Direttur tar-Referees fi hdan il-Malta Football Association, huwa wkoll membru tar-Referees Committee fi hdan il-Mata Football Association, kariga illi kellu wkoll l-intimat fiz-zmien illi huwa kien involut bhala Referee.

Jirrizulta illi r-Referees Committee fuq imsemmi huwa responsabbli ghat-tmexxija ta' l-operat tar-referees, kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta, u jinnominaw referees sabiex jintghazlu mill-UEFA u il-FIFA biex jikkontrollaw partiti tal-football barra minn Malta.

Jirrizulta illi z-zewgt partijiet kienu ghamlu zmien flimkien fil-Kumitat tal-Malta Football Referees Association u sahansitra kienu jikkontrollaw loghob flimkien.

Jirrizulta illi, mument minnhom, fis-sena 1995, meta iz-zewgt partijiet kienu involuti flimkien fl-Assocjazzjoni tar-Referees, fejn ir-rikorrent kien Segretarju u l-intimat kien Vici-President, kienet inqalghet kwistjoni li fiha kien involut il-President ta’ dak iz-zmien, Patrick Fenech, fejn gie allegat illi s-Sur Fenech kien gie approvat sabiex jagixxi bhala referee barra minn Malta meta ma kienx fi stat fiziku illi jaghmel dan.

Jirrizulta illi dana il-fatt wassal ghall divergenzi bejn ir-rikorrenti u l-intimat u dana anke in vista tal-fatt illi varji referees kienu attwalment qed jikkummentaw negattivament dwar il-kwistjoni illi kienet inqalghet.

Jirrizulta illi fis-sena 1996, il-partijiet, illi baqghu involuti fil-kamp tar-referees ghalkemm kienu miggieldin bejniethom, kellhom loghba flimkien fil-ground tal-Mosta, fejn l-intimat kien referee filwaqt illi r-rikorrent kien linesman. Jirrizulta illi r-rikorrent kien wasal madwar hmistax-il minuta qabel il-loghba u ghalhekk l-intimat kien irrapporta lir-rikorrent taht il-pretest illi l-loghba kienet bdiet tlett minuti tard minhabba fih, fatt illi r-rikorrent ikkontesta peress illi sahaq li l-loghba bdiet tlett minuta tard ghax kellhom jinhargu mill-ground tfal li kienu qed jilghabu hemm.

Jirrizulta illi dakinhar, fil-loghba, kien involut ukoll Kevin Azzopardi, li dak iz-zmien kellu sittax-il sena u li kien qed jaghmilha ta' linesman flimkien mar-rikorrent.

Jirrizulta illi Kevin Azzopardi spicca fin-nofs tal-glieda li kien hemm bejn l-partijiet u, allegatament, inizjalment kien stqarr li ma kienx minnu illi r-rikorrent kien mar tard izda, eventwalment, meta t-tlett referees issejhu mill-Bord tar-Referees, huwa kien stqarr li kien minnu illi Adrian Casha kien wasal tard ghal-loghba u ghalhekk ir-rapport ta' l-intimat kien korrett fejn jirrigwarda l-fatt li Casha kien wasal tard ghal-loghba.

Jirriuzlta illi, rizultat ta' tali xhieda, ir-rikorrent u Azzopardi inghataw twissija filwaqt illi il-partijiet twissew sabiex ma jkomplux bil-pika ta' bejniethom.

Jirrizulta illi aktar minn tnax-il sena wara dana l-incident bejn il-partijiet, fit 2008, waqt illi l-intimat kien Chairman tar-Referee's Board, ir-rikorrent kien tnehha mill-grupp ta' referees Maltin nominati ghall-FIFA peress illi, skond il-Bord, ma kienx f'qaghda fizika skond tests illi kienu saru.

**Ikkunsidrat**

Konsiderat tali retroxena, il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-fatti tal-kaz odjern.

Dwar il-kumment illi fuqu saret il-kawza odjerna, jirrizulta illi Kevin Azzopardi, illi ssemma aktar qabel u f'din il-kawza qatt ma ttella jixhed minn ebda mill-partijiet, fl-4 ta' Settembru 2012 intghazel mir-Referees Committee, illi tieghu r-rikorrent ma kienx ic-Chairman izda kien biss membru (fol 16) sabiex jigi nominat bhal wiehed mill-erbgha referees nominati mill-Malta Football Association lill-FIFA ghas-sena 2013.

Jirrizulta illi meta l-intimat sar jaf bin-nomina ta' Kevin Azzopardi, huwa ghazel illi jaghmel il-kumment li dwaru saret il-kawza odjerna u li jidhru rapportati aktar ‘l fuq.

Jirrizulta illi l-intimat ghazel biex jghaddi tali kumment ghax huwa sahaq, u ikkonferma dan fil-Qorti wkoll (fol 60), illi peress illi huwa kien jaf li Casha, fis-sena 1996, meta kienet inqalghet il-kwistjoni tal-ground tal-Mosta, kien tkellem ma' Azzoppardi dwar ir-rapport illi kien ghamel l-intimat stess dwar Casha, huwa ikkonkluda illi r-rikorrent kellu obbligazzjoni favur ta' Kevin Azzopardi.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-konkluzjoni ta' l-intimat hija wahda totalment zbaljata, stante illi hareg car mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, illi attwalment Kevin Azzopardi kien attwalment ikkonferma dak illi kien qal l-intimat u, di fatti, ir-rikorrent kien inghata twissija minghand il-Bord abbazi tax-xhieda ta' Azzopardi, a kuntrarju ta' dak illi qieghed jallega l-intimat.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax tifhem kif seta l-intimat jahseb illi r-rikorrent kellu xi obbligazzjoni lejn Kevin Azzopardi meta attwalment kien l-istess Azzopardi illi qal ezattament kif sehhew l-affarjiet u kien kkonferma verzjoni moghtija mill-intimat a kontrarju ta' dak illi qal ir-rikorrent, liema konferma wasslet sabiex Casha jinghata twissija.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-intimat, sabiex jiggustifika l-kumment tieghu, ghazel biex jipprova jiddiskredita l-operat ta' Kevin Azzopardi billi jesebixxi rapporti dwar varji loghbiet internazzjonali illi l-istess Azzopardi ikkontrolla barra minn Malta wara illi intghazel.

Il-Qorti tghid, bla tlaqlieq, illi hija ta' misthija li kollega, bhalma l-intimat ghandu jitqies lejn Kevin Azzopardi, jattakka pubblikament lill-kollega iehor tieghu, meta dana ma huwiex parti fil-kawza, unikament sabiex jipprova jipprotegi lilu nniffsu fi glieda u pika illi huwa ghandu mar-rikorrent

Il-Qorti tosserva illi, mid-dokumentazzjoni esebita mill-Malta Football Association, in-nomina ta' Kevin Azzopardi bhala referee tal-FIFA ghas-sena 2013 kienet wahda gusta u meritata u bl-ebda mod ma kienet rizultat ta' obbligazzjoni illi seta kellu r-rikorrent lejh, izda kienet rizultat ta' rapporti varji illi kellu l-Bord tar-Referees fil-pussess tieghu, liema Bord kien kompost minn disgha persuni u li ma kienx presjedut mir-rikorrent izda minn Charles Agius, u liema rapporti kienu kollha juru illi l-istess Kevin Azzopardi kien elegibbli sabiex jigi nominat ghal tali post pretiggjuz bhalma hija illi tikkontrolla partita internazzjoni organizzata mill-FIFA.

Il-Qorti ma tistax ma tikkonkludiex, ghalhekk, illi l-kumment illi l-intimat ghazel illi jghaddi fil-konfront ta' Adrian Casha kien zbaljat u inkorrett u kien intiz unikament unikament sabiex jimmalafama u jingurja lir-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

Dwar danni illi ghandhom jigu inflitti lill-intimat, il-Qorti tosserva illi l-kumment ta' l-intimat ma sarx fuq xi mezz ta' xandir illi ghandu portata limitata, izda sar fuq sit socjali, ossija Facebook, sit illi huwa milhuq mid-dinja kollha u li ghalhekk huwa accessibbli mhux minn grupp zghir ta' nies, imma minn kull min ghandu access ghall-Facebook, illi huma miljuni kbar.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi tali siti socjali, bhalma huma Facebook, ghandhom utilita kbira stante illi jghaqdu flimkien hafna nies, minn postijiet varji tad-dinja, izda jistghu ukoll jintuzaw b'mod negattiv sabiex jinghadda messagg negattiv jew tigi imxerrda xi ahbar li ma hijiex minnha u li, minnha innifisha, tista taghmel hsara, jew lill-komunita' in generali jew, aktar u aktar, lill individwu.

Il-Qorti ma tistax ma' tosservax ukoll illi l-utilizz ta' tali mezzi socjali sabiex persuna w ir-reputazzjoni taghha tigi attakata huwa fenomenu illi, aktar ma jghaddi z-zmien, aktar qieghed jizdied, u dana huwa ta' ghajb kemm ghad-dritt tal-liberta ta' l-espressjoni kif ukoll, u aktar u aktar, ghad-dritt tal-protezzjoni tar-reputazzjoni, liema reputazzjoni hija ferm difficili illi wiehed jipprotegi meta messagg jigi propagat fuq il-mezzi socjali minghajr ma dana jkun jista jigi kkontrollat u minghajr il-possibbilta' illi tali allegazzjonijiet jitnehhew minn fuq tali siti peress illi huwa fatt maghruf illi tali informazzjoni tibqa ticcirkola fuq il-mezzi ta' l-internet, anke meta titnehha minn fuq is-sit fejn originalment giet imqieghda.

Il-Qorti għalhekk, meta tqies id-danni kkawżati, qiegħda tieħu in konsiderazzjoni kemm l-accessibbilta' kbira illi l-messagg meritu tal-kawza odjerna kellu kif ukoll il-fatt illi huwa bbazat fuq konsiderazzjonijiet zbaljati da' parte ta' l-intimat, liema konsiderazzjonijet, sfortunatament, jidher illi huwa bbazati unikament fuq pika illi tezizti bejn l-intimat u r-rikorrenti, t-tnejn referees illi rrappresentaw lill-Malta denjament barra minn gziritna, liema pika ma' taghmel ebda gid, kemm lill-komunita' ta' referees f'Malta u, aktar u aktar, l-isport tal-football f'Malta, illi huwa l-aktar sport f' Malta segwit minn persuni, u illi fih ir-referees ghandhom jaghtu ezempju ta' x'inhuwa attwalment l-ispiritu ta' l-isport, fosthom r-rispett u lealta', liema elementi certament ma jidhrux illi gew rispekkjati fil-kumment illi ghazel li jaghmel l-intimat fuq zewgt kollegi tieghu, ossija ir-rikorrent Adrian Casha u l-persuna l-ohra, Kevin Azzopardi, li spicca involut f'dina l-kwistjoni intortament.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** it-talbiet attrici u ghalhekk

**Tiddikjara** il-'*post*' ippubblikat mill-intimat fuq is-sit Facebook bejn l-4 u il-5 ta' Jannar 2013 bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent peress illi jikkontjeni allegazzjonjiet foloz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti intizi biex inaqqsu u jtellfu r-reputazzjoni tar-rikorrenti u

**Tillikwida** d-danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248 fl-ammont ta' hamest elef Euro (€5,000), u

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' hamest elef Euro (€5,000).

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur